

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Lulju 2013 — Mederer vs UASI Katjes Fassin (SOCCER GUMS)**

(Kawża T-258/12) <sup>(1)</sup>

**(“Trade mark Komunitarja — Oppożizzjoni — Irtirar tal-oppozzjoni — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)**

(2013/C 233/17)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Mederer GmbH (Fürth, il-Ġermanja) (rappreżentanti: O. Ruhl u C. Sachs, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: G. Marten u R. Pethke, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Katjes Fassin GmbH & Co. KG (Emmerich s. Rhein, il-Ġermanja) (rappreżentanti: T. Schmitz u C. Osterrieth, avukati)

**Suġġett**

Appell ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tal-10 ta' April 2012 (Każ R 225/2011-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Mederer GmbH u Katjes Fassin GmbH & Co. KG.

**Dispożittiv**

- (1) *Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.*
- (2) *Ir-rikorrenti u l-intervenjenti huma kkundannati għall-ispejjeż proprij tagħhom, kif ukoll, kull waħda minnhom, għal nofs l-ispejjeż tal-konvenuta.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 217, 21.07.2012.

**Appell ippreżentat fl-14 ta' Frar 2013 minn Z mis-sentenza mogħtija fil-5 ta' Diċembru 2012 mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawżi magħquda F-88/09 u F-48/10, Z vs Il-Qorti tal-Ġustizzja**

(Kawża T-88/13 P)

(2013/C 233/18)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Appellant: Z (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentant: F. Rollinger, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

- tiddikjara l-appell ammissibbli,
- tiddikjarah fondat,
- għaldaqstant jannulla s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tielet Awla) tal-5 ta' Diċembru 2012 mogħtija fil-Kawżi magħquda F-88/09 u F-48/10, [Z] vs Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea,
- tiddeċiedi l-kawża skont ir-rikorsi promoturi tal-Kawżi F-88/09 u F-48/10,
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi,
- tirriżerva lill-appellant id-drittijiet, dak dovut, il-mezzi u l-azzjonijiet l-oħra kollha.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell tiegħu, l-appellant jinvoka ħdax-il aggravju.

- (1) L-ewwel aggravju, ibbażat fuq nuqqas ta' imparzjalità tat-Tielet Awla tat-TSP.
- (2) It-tieni aggravju, ibbażat fuq assenza ta' rimedju effettiv, peress li t-TSP llimita l-intervent tiegħu kontra l-istituzzjonijiet.
- (3) It-tielet aggravju, ibbażat fuq l-inkompetenza tal-Imħallef Rofes i Pujol li tiddeċiedi dwar it-talba għal rikuża tal-Imħallef Van Raepenbusch.
- (4) Ir-raba' aggravju, ibbażat fuq ksur tad-dritt għal smiġħ xieraq minħabba n-nuqqas ta' possibbiltà li jiġi ppreżentat appell kontra d-deċiżjoni tat-TSP li tiċħad it-talba għal rikuża ta' Imħallef.
- (5) Il-ħames aggravju, ibbażat fuq ksur tad-dritt għall-prova u tal-obbligu li tistabbilixxi l-verità materjali tal-motivazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ħatra li fuqha hija bbażata d-deċiżjoni ta' assenjazzjoni mill-ġdid u tad-deċiżjoni ta' sanzjoni dixxiplinarja.
- (6) Is-sitt aggravju, ibbażat fuq żball ta' liġi peress li t-TSP kien ikkunsidra li d-deċiżjoni ta' assenjazzjoni mill-ġdid kienet ittiedet fl-interess uniku tas-servizz fis-sens tal-Artikolu 7(1) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea.
- (7) Is-seba' aggravju, ibbażat fuq żball ta' liġi peress li t-TSP kien ikkunsidra li hemm ekwivalenza ta' impjegji fis-sens tal-Artikolu 7 tal-imsemmija Regolamenti tal-Persunal.
- (8) It-tmien aggravju, ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal smiġħ.

- (9) Id-disa' aggravju, ibbażat fuq żball ta' dritt peress li t-TSP kien iddikjara inammissibbli t-talba għal kumpens għad-dannu li jirriżulta mill-pubblikazzjoni ġo l-istituzzjoni tad-deċiżjoni ta' assenjazzjoni mill-ġdid, anki jekk l-appellant ma kienx obbligat li jibda proċedura amministrattiva prekontenzjuża sabiex jinforza t-talba tiegħu għal kumpens.
- (10) L-għaxar aggravju, ibbażat fuq żball ta' liġi peress li t-TSP kien ikkunsidra li l-kumitat responsabbli mill-ilmenti kien kompetenti sabiex jagħti deċiżjoni dwar it-talba tal-appellant.
- (11) Il-ħdax-il aggravju, ibbażat fuq żball ta' liġi peress li t-TSP ma ddeċidix li l-appellata kisret l-Artikoli 1 sa 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, kif ukoll li d-drittijiet tad-difiża u l-prinċipju ta' kontradittorju fil-proċedura dixxiplinarja.

**Appell ippreżentat fl-24 ta' Mejju 2013 minn AK mis-sentenza mogħtija fit-13 ta' Marzu 2013 mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża F-91/10, AK vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-288/13 P)

(2013/C 233/19)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

*Appellant:* AK (Esbo, il-Finlandja) (rappreżentant: D. Abreu Caldas, S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis u É. Marchal, avukati)

*Appellata:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

- tiddikjara u tiddeċiedi,
- s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tat-13 ta' Marzu 2012 fil-Kawża F-91/10, AK vs Il-Kummissjoni Ewropea, hija annullata;
- il-Kummissjoni hija kkundannata tħallas lill-appellant;
- kumpens għat-telf ta' opportunità ta' 95 % li jiġi promoss fil-grad A4 fil-kuntest tal-proċedura ta' promozzjoni tal-2003, tal-2005 jew iktar tard tal-2007, ta' EUR 375 295, EUR 204 996 u EUR 90 130 rispettivament, inkluż is-somma f'daqqa ta' EUR 4 000

diġà mħallsa, minbarra r-regolarizzazzjoni tad-drittijiet għal pensjoni tiegħu permezz ta' kontribuzzjonijiet korrispondenti;

- EUR 55 000, minbarra l-EUR 15 000 diġà mħallsa, għad-dannu morali subit minħabba fil-kontinwità tas-sitwazzjoni amministrattiva irregolari tiegħu, minkejja, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-20 ta' April 2005 u tas-6 ta' Ottubru 2009 tal-Qorti Ġenerali u tat-13 ta' Diċembru 2007 tat-Tribunal Ewropew għas-Servizz Pubbliku, kif ukoll id-deċiżjoni tat-23 ta' April 2007 tal-Awtorità tal-Ħatra li tilqa' l-ilment imressaq mill-appellanti fl-4 ta' Settembru 2006;
- il-Kummissjoni hija kkundannata għall-ispejjeż.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell tiegħu, l-appellant jinvoka tliet aggravji.

- (1) L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi sa fejn it-TSP ibbaża ruħu fuq rapporti ta' evalwazzjoni tal-karriera (REK) li huwa stess eskluda mid-diskussjonijiet (dwar il-punti 55, 56, 73 u 87 tad-deċiżjoni kkontestata).
- (2) It-tieni aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi waqt l-evalwazzjoni tad-dannu morali u fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, peress li t-TSP naqqas l-evalwazzjoni tad-dannu morali għall-EUR 15 000 billi kkunsidra biss id-dewmien partikolarment importanti fl-istabbiliment tad-diversi REK u billi limita l-firxa tad-dannu morali għall-perijodu li fih l-appellant kien għadu qiegħed jaħdem, mingħajr ma ħa inkunsiderazzjoni parametri oħra bħall-istat ta' inċertezza u ta' inkwiet tal-appellanti fir-rigward tal-futur professjonali tiegħu wara l-perijodu fejn kien għadu qiegħed jaħdem (dwar il-punti 63 u 83 u segwenti tas-sentenza kkontestata).
- (3) It-tielet aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi waqt l-evalwazzjoni tad-dannu minħabba t-telf tal-opportunità li jiġi promoss u fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni sa fejn it-TSP ma jistax jasal għall-konklużjoni unikament abbażi tal-punti ta' mertu u tal-limiti ta' promozzjoni li l-probabilità ta' promozzjoni tal-appellanti kienet dgħajfa, minn naħa, u t-TSP evalwa d-dannu tat-telf tal-opportunità li jiġi promoss għal EUR 4 000 ta' malajr mingħajr ma ta l-ikken spjegazzjoni dwar ir-raġunament li wasslu għal dan ir-riżultat, min-naħa l-oħra (dwar il-punti 71 sa 73 u 89 u segwenti tas-sentenza kkontestata).